31 ta' Awwissu 2015
93/2015

**JUM DINJI TA' TALB GĦALL-ĦARSIEN TAL-ĦOLQIEN**

**Data: It-Tlieta, l-1 ta' Settembru 2015**

Post: Park Nazzjonali, Ta' Qali (Dħul minn quddiem l-Ambaxxata Amerikana)

**Ħin: 9:30 a.m.**

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien li nieda l-Papa Franġisku, għada, t-Tlieta, l-Arċisqof Charles J. Scicluna u l-Onor. Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, Leo Brincat, ser jattendu għal ċerimonja ta' tħawwil ta' siġar fil-Park Nazzjonali, Ta' Qali. Din l-attività qed tiġi organizzata mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent. Ġew mistiedna biex jieħdu sehem: studenti ta' Skolasajf San Pawl il-Baħar, rappreżentanti ta' għaqdiet ambjentali u tal-iżviluppaturi, rappreżentanti tal-partiti politiċi u mexxejja ta' denominazzjonijiet Insara oħra.

Biex jitfakkar dan il-Jum, fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent qassmet kartolina fil-knejjes biex l-Insara jirriflettu fuq ir-rikkezza u s-sbuħija tal-ħolqien, waqt li jqisu sewwa r-responsabiltajiet tagħhom dwar dan. Ir-riflessjoni hija bbażata fuq tliet temi ewlenin: il-Ħolqien, il-Flus u l-Verità.

It-test ta' din il-kartolina (kopja annessa) jista' jintuża wkoll bħala talba qabel jew wara xi ċelebrazzjoni liturġika, l-aktar f'xi okkażjoni speċjali bħal ma hi dik tal-1 ta' Settembru, jum li l-Papa Franġisku għażel biex flimkien ma' l-Insara kollha, isir talb speċjali għall-ħarsien tal-ħolqien.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org